MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tat-3 ta' April, 2012

Talba Numru. 681/2011

**N. Cordina Marketing Limited [C-14215]**

**vs**

**The Golden Shepherd Group Limited [C-14948]**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elfejn erba’ mija wiehed u disghin euro u sebgha u sebghin centezmi ta’ euro (€2,491.77) liema ammont jirrapprezenta prezz ta’ diversa merkanzija mibjugha bl-ingrossa f’diversi okkazzjonijiet u kkonsenjata lill-istess socjeta konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li

nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-28 ta' Frar, 2012 u s-7 ta' Marzu, 2012.

Sema' x-xhieda ta' Noel Cordina direttur tas-socjeta attrici li qal li l-ammont ta' elfejn erba' mija wiehed u disghin euro u sebgha u sebghin centezmi ta' euro (€2,491.77) huwa bilanc minn kont akbar ta' merkanzija li s-socjeta minnu rapprezentata kienet bieghet lis-socjeta konvenuta matul iz-zmien. Il-merkanzija kienet tinkludi kimika tat-tindif u tal-karta. Fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2012 dan ix-xhud esebixxa statement li gie mmarkat bhala Dok. NC 1, u li fih gie ndikat l-ammont dovut mis-socjeta konvenuta. Ix-xhud qal li l-ammont kien ghadu ma thallasx sa meta xehed.

In vista ta' din ix-xhieda u tad-dokument esebit, it-Tribunal huwa konvint li l-ammont reklamat huwa dovut mis-socjeta konvenuta.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn erba' mija wiehed u disghin euro u sebgha u sebghin centezmi ta' euro (€2,491.77), bl-imghax skond il-ligi mid-data ta' meta inghatat il-merkanzija mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------